



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

6 ta' Ottubru 2021 \*

“Appell – Dritt istituzzjonali – Status uniku ta’ deputat Ewropew – Deputati Ewropej eletti f’kostitwenzi Taljani – Bidla tad-drittijiet tal-pensjoni – Att li jikkawża preġudizzju – Pożizzjoni provviżorja – Effetti legali awtonomi”

Fil-Kawża C-431/20 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2020,

**Carlo Tognoli**, residenti f'Milano (l-Italja),

**Emma Allione**, residenti f'Milano,

**Luigi Alberto Colajanni**, residenti f'Palermo (l-Italja),

**Claudio Martelli**, residenti f'Ruma (l-Italja),

**Luciana Sbarbati**, residenti fi Chiaravalle (l-Italja),

**Carla Dimatore**, bħala eredi ta' Mario Rigo, residenti f'Noale (l-Italja),

**Roberto Speciale**, residenti f'Bogliasco (l-Italja),

**Loris Torbesi**, bħala eredi ta' Eugenio Melandri, residenti f'Ruma,

**Luciano Pettinari**, residenti f'Ruma,

**Pietro Di Prima**, residenti f'Palermo,

**Carla Barbarella**, residenti f'Magione (l-Italja),

**Carlo Alberto Graziani**, residenti fi Fiesole (l-Italja),

**Giorgio Rossetti**, residenti fi Trieste (l-Italja),

**Giacomo Porrazzini**, residenti f'Terni (l-Italja),

**Guido Podestà**, residenti f'Vila Real de Santo António (il-Portugall),

\* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

**Roberto Barzanti**, residenti fi Siena (l-Italja),

**Rita Medici**, residenti f'Bologna (l-Italja),

irrapreżentati minn M. Merola, avvocato,

**Aldo Arroni**, residenti f'Milano,

**Franco Malerba**, residenti f'Issy-les-Moulineaux (Franza),

**Roberto Mezzaroma**, residenti f'Ruma,

irrapreżentati minn M. Merola u L. Florio, avvocati,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**Il-Parlament Ewropew**, irrapreżentat minn S. Alves u S. Seyr, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur), C. Toader, M. Safjan u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de La Tour

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2021,

tagħti l-preżenti

### Sentenza

- 1 Permezz tal-appell tagħhom, Carlo Tognoli *et* jitolbu l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Lulju 2020, Tognoli *et* vs Il-Parlament (T-395/19, T-396/19, T-405/19, T-408/19, T-419/19, T-423/19, T-424/19, T-428/19, T-433/19, T-437/19, T-443/19, T-455/19, T-458/19 sa T-462/19, T-464/19, T-469/19 u T-477/19, mhux ippubblikat, iktar 'il quddiem id-“digriet appellat”, EU:T:2020:302), li permezz tiegħu din ċaħdet bħala manifestament inammissibbli r-rikorsi tagħhom intiżi għall-annullament tan-noti tal-11 ta' April 2019 stabbiliti mill-Kap tad-Diviżjoni “Remunerazzjoni u drittijiet soċjali tad-deputati” tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament Ewropew u li jikkonċernaw l-aġġustament tal-ammont tal-pensjonijiet

li huma jibbenefikaw minnhom wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2019, tad-Deċiżjoni Nru 14/2018 tal-Ufficio di Presidenza della Camera dei deputati (l-Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kamra tad-Deputati, l-Italja) (iktar 'il quddiem in-“noti kontenzjużi”).

### **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

- 2 L-appellanti huma jew ex membri tal-Parlament Ewropew, eletti fl-Italja, jew konjuġi superstiti ta' ex membri ta' din l-istituzzjoni. Kull wieħed minnhom jibbenefika, taħt dan it-titolu, minn pensjoni tal-irtirar jew minn pensjoni tas-superstiti.
- 3 Fit-12 ta' Lulju 2018, l-Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kamra tad-Deputati ddeċieda li jikkalkola mill-ġdid, skont is-sistema tal-kontribuzzjoni, l-ammont tal-pensjonijiet tal-ex membri ta' din il-Kamra għas-snin tal-mandat imwettqa sal-31 ta' Diċembru 2011 (iktar 'il quddiem id-“Deċiżjoni Nru 14/2018”).
- 4 Permezz taż-żieda ta' kumment fuq ir-rendikonti tal-pensjoni tal-appellanti tax-xahar ta' Jannar 2019, il-Parlament informahom bil-fatt li l-ammont tal-pensjonijiet tagħhom seta' jiġi rivedut, skont id-Deċiżjoni Nru 14/2018, u li dan il-kalkolu l-ġdid seta' eventwalment jagħti lok għal irkupru tas-somom imħallsa indebitament.
- 5 Permezz ta' nota mingħajr data tal-Kap tad-Diviżjoni “Remunerazzjoni u drittijiet soċjali tad-deputati” tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament, annessa mar-rendikonti tal-pensjoni tal-appellanti tax-xahar ta' Frar 2019, il-Parlament informahom, qabelxejn, li s-servizz legali tiegħu kien ikkonferma l-applikabbiltà awtomatika tad-Deċiżjoni Nru 14/2018 għas-sitwazzjoni tagħhom. Din in-nota kienet tippreċiża, sussegwentement, li, hekk kif il-Parlament ikun irċieva l-informazzjoni neċessarja mill-Camera dei deputati (il-Kamra tad-Deputati, l-Italja), huwa kien jikkomunika lill-appellanti l-iffissar mill-ġdid tad-drittijiet tal-pensjoni tagħhom u kien jipproċedi għall-irkupru tad-differenza eventwali matul it-tnax-il xahar sussegwenti. Fl-aħħar nett, din in-nota kienet tinforma lill-appellanti li l-iffissar definittiv tad-drittijiet tal-pensjoni tagħhom kien ser ikun stabbilit permezz ta' att formali li kontrih ikun possibbli li jitressaq ilment jew rikors għal annullament abbażi tal-Artikolu 263 TFUE.
- 6 Sussegwentement, permezz tan-noti kontenzjużi, dan il-Kap tad-Diviżjoni kkomunika lill-appellanti li l-ammont tal-pensjonijiet tagħhom kien ser jiġi adattat sat-tnaqqis tal-ammont tal-pensjonijiet analogi mħallsa fl-Italja lill-ex deputati nazzjonali b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 14/2018. Dawn in-noti kienu jippreċiżaw ukoll li l-ammont tal-pensjonijiet tal-appellanti kien ser jiġi adattat mix-xahar ta' April 2019 b'applikazzjoni tal-abbozzi għall-iffissar tad-drittijiet tal-pensjoni l-ġodda trażmessi fl-anness tal-imsemmija noti. Barra minn hekk, l-istess noti kienu jagħtu lill-appellanti terminu ta' 30 jum, li jibda jiddekorri minn meta jirċevuhom, sabiex iressqu l-osservazzjonijiet tagħhom. Fin-nuqqas tal-preżentata ta' tali osservazzjonijiet fit-terminu mogħti, in-noti kontenzjużi jkunu jitqiesu li jipproduċu effetti definittivi li jkunu jimplikaw, b'mod partikolari, l-irkupru tal-ammonti rċevuti indebitament għax-xhur minn Jannar sa Marzu 2019.
- 7 Permezz ta' ittri elettroniċi li ntbagħtu bejn it-13 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju 2019, l-appellanti bagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom lid-dipartiment kompetenti tal-Parlament. Permezz ta' ittri elettroniċi li ntbagħtu bejn it-22 ta' Mejju u l-24 ta' Ġunju 2019, il-Parlament irrikonoxxa li rċieva dawn l-osservazzjonijiet u indika lill-appellanti li kienet ser tingħatalhom risposta wara li jiġu eżaminati l-argumenti tagħhom.

- 8 Wara l-preżentata tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, permezz ta' ittri tal-20 ta' Ġunju (Kawża T-396/19), tat-8 ta' Lulju (Kawżi T-405/19, T-408/19, T-443/19 u T-464/19), tal-15 ta' Lulju (Kawżi T-419/19, T-433/19, T-455/19, T-458/19 sa T-462/19, T-469/19 u T-477/19) u tat-23 ta' Lulju 2019 (Kawżi T-395/19, T-423/19, T-424/19 u T-428/19), il-Kap tad-Diviżjoni "Remunerazzjoni u drittijiet soċjali tad-deputati" tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament indika li l-osservazzjonijiet mibgħuta mill-appellanti ma kinux jinkludu elementi ta' natura li jiġġustifikaw revizzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament, kif espressa fin-noti kontenzjużi, u li, konsegwentement, id-drittijiet tal-pensjoni kif ukoll il-pjan ta' rkupru tal-ammonti mħallsa indebitament, kif ikkalkolati mill-ġdid u kkomunikati fl-anness ta' dawn in-noti, kienu saru definittivi.
- 9 Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-sitwazzjoni ta' Eugenio Melandri, li kien talab l-applikazzjoni ta' deroga bbażata fuq il-livell tad-dħul tiegħu, il-Parlament ma kienx iddeċieda b'mod definittiv fuq is-sitwazzjoni tiegħu fid-data tad-digriet appellat.

### **Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat**

- 10 Permezz ta' rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali bejn it-28 ta' Ġunju u t-8 ta' Lulju 2019, ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali ppreżentaw rikorsi intiżi għall-annullament tan-noti kontenzjużi.
- 11 Fis-16, id-19 u l-24 ta' Settembru 2019, il-Parlament, permezz ta' atti separati, eċċepixxa l-inammissibbiltà ta' dawn ir-rikorsi.
- 12 Bejn id-19 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali, bl-eċċezzjoni ta' Emma Allione u ta' E. Melandri, ippreżentaw noti ta' adattament tar-rikorsi rispettivi tagħhom.
- 13 Fil-15 ta' Jannar 2020, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tgħaqqad l-eżami tar-rikorsi għal annullament ippreżentati rispettivament mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali.
- 14 Permezz tad-digriet appellat, adottat skont l-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, hija ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali bħala manifestament inammissibbli.
- 15 Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 57 tad-digriet appellat, li n-noti kontenzjużi ma kinux jikkostitwixxu atti li jikkawżaw preġudizzju u, għaldaqstant, ma setgħux ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Konsegwentement, fil-punt 63 tad-digriet appellat, hija ċaħdet bħala manifestament inammissibbli t-talba tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament ta' dawn in-noti.
- 16 Sabiex tiġġustifika din l-evalwazzjoni, hija, fl-ewwel lok, ippreċiżat, fil-punti 51 sa 53 tad-digriet appellat, li ċ-ċirkustanza li l-metodu l-ġdid ta' kalkolu tal-pensjonijiet kien applikabbli mix-xahar ta' April 2019 ma kienx biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li l-Parlament kien ħa pożizzjoni definittiva f'dan ir-rigward. Minn naħa, in-noti kontenzjużi kienu espliċitament ippreżentati bħala abbozzi. Min-naħa l-oħra, hija speċifikat li dawn jsiru definittivi biss fl-assenza ta' osservazzjonijiet ifformulati mid-destinatarji tagħhom f'terminu ta' 30 jum minn meta jiġu riċevuti. Issa, ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali kienu ppreżentaw tali osservazzjonijiet f'dan it-terminu.

- 17 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 56 u 60 tad-digriet appellat, li l-ittri sussegwenti tal-Parlament, imsemmija fil-punt 8 ta' din is-sentenza, kienu jikkostitwixxu teħid ta' pożizzjoni definittiva ta' din l-istituzzjoni fil-konfront tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali u ma setgħux jiġu analizzati bħala atti purament konfermattivi tan-noti kontenzjużi.
- 18 Fit-tielet lok, hija ddeċidiet, fil-punti 61 u 62 tad-digriet appellat, li ċ-ċirkustanza li n-noti kontenzjużi ma kinux jippreċiżaw it-terminu li fih il-Parlament kien ser iwieġeb għall-osservazzjonijiet tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali kien irrilevanti, bħall-ilmenti bbażati fuq nuqqas ta' motivazzjoni u fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.
- 19 Sussegwentement, fil-punti 66 u 67 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kap tat-talbiet tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet espressi fl-ittri msemmija fil-punt 8 ta' din is-sentenza. F'dan ir-rigward, hija qieset li n-noti ta' adattament ippreżentati mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali kienu manifestament inammissibbli, għar-raġuni li parti tista' tadatta t-talbiet u l-motivi tar-rikors inizjali tagħha biss jekk dan tal-aħħar kien huwa nnifsu ammissibbli fid-data tal-preżentata tiegħu.
- 20 Fl-aħħar nett, fil-punt 74 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kap tat-talbiet tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali intiżi sabiex il-Parlament jiġi kkundannat iħallas is-somom li huwa żamm indebitament, sa fejn dan il-kap tat-talbiet kien manifestament inammissibbli.

### **It-talbiet tal-partijiet**

- 21 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
  - tannulla d-digriet appellat;
  - tirrorvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali; u
  - tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż tal-proċedura fl-istadju tal-appell, b'riżerva tal-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.
- 22 Il-Parlament jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
  - tiċħad l-appell; u
  - tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż tal-appell.

### **Fuq l-appell**

#### ***L-argumenti tal-partijiet***

- 23 L-appellanti jinvokaw tliet aggravi insostenn tal-appell tagħhom, ibbażati, rispettivament, fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-evalwazzjoni tan-natura kontestabbli tan-noti kontenzjużi, fuq żball fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura

tal-Qorti Ġenerali kif ukoll fuq il-ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju u fuq żball fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 126 ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura. It-tieni u t-tielet aggravju huma ppreżentati b'mod sussidjarju.

- 24 Fid-dawl tal-argumenti li huma jiżviluppaw insostenn tal-aggravji tagħhom, l-appellanti għandhom jiġu kkunsidrati bħala li qegħdin jitolbu l-annullament tad-digriet appellat inkwantu, permezz ta' dan tal-aħħar, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talbiet tagħhom intiżi għall-annullament tan-noti kontenzjużi kif ukoll tad-deċiżjonijiet espressi fl-ittri msemmija fil-punt 8 ta' din is-sentenza.
- 25 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li n-noti kontenzjużi jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati.
- 26 Skont l-appellanti, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li l-kriterju essenzjali sabiex jiġi ddeterminat jekk att jistax jiġi kkontestat huwa l-effetti legali tiegħu u mhux in-natura definittiva tiegħu. Għalhekk, atti ta' natura provviżorja ġew ikkunsidrati bħala li jistgħu jiġu kkontestati għaliex kienu jipproduċu tali effetti.
- 27 L-appellanti jsostnu, f'dan ir-rigward, li n-noti inkwistjoni pproduċew l-effetti tagħhom sa mix-xahar ta' April 2019. Barra minn hekk, dawn in-noti jikkawżaw dannu gravi ħafna lill-appellanti, li ma jistax jiġi kkompensat b'mod sħiħ *a posteriori*. Barra minn hekk, in-natura provviżorja ta' dawn in-noti ma hijiex ibbażata fuq bażi legali identifikata.
- 28 L-appellanti jsostnu wkoll, sussidjarjament, li ebda element ċar ma kien jippermettilhom jikkonkludu li n-noti kontenzjużi huma segwiti minn deċiżjonijiet li ma humiex purament konfermattivi. Huma jqisu li n-natura konfermattiva tagħhom tirriżulta barra minn hekk mit-tweġibiet tal-Parlament għall-osservazzjonijiet li huma ppreżentaw, peress li l-Parlament iddikjara lilu nnifsu li ma kellux kompetenza sabiex jieħu konjizzjoni tal-argumenti ppreżentati f'dawn l-osservazzjonijiet.
- 29 Skont l-appellanti, huwa wkoll illoġiku li jiġi kkunsidrat li n-natura tan-noti kontenzjużi tista' tvarja skont jekk ġewx ippreżentati osservazzjonijiet jew le. Fil-fatt, fl-ewwel każ, il-preżentazzjoni tal-osservazzjonijiet ikollha biss l-effett li tibdel id-data li fiha l-att isir definittiv, iżda dan l-att jibqa' identiku. Fit-tieni każ, l-att inkwistjoni jsir att definittiv mingħajr ebda element addizzjonali ma jkun neċessarju.
- 30 Il-Parlament isostni li t-tnaqqis tal-ammont tal-pensjonijiet tal-appellanti kien ta' natura provviżorja u li seta' jiġi rivedut abbażi tal-osservazzjonijiet ippreżentati minn dawn tal-aħħar, mingħajr l-assenza ta' bażi legali ma tkun rilevanti f'dan ir-rigward. Din in-natura provviżorja tirriżulta b'mod ċar mill-kliem tan-noti kontenzjużi u mill-fakultà li kellhom l-appellanti li jippreżentaw osservazzjonijiet qabel ma dawn in-noti saru definittivi, fakultà li l-appellanti ġustament użaw. Il-pożizzjoni definittiva tal-Parlament ġiet deċiża biss sussegwentement.
- 31 L-appellanti jagħmlu qari parzjali tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li minnha jirriżulta li l-kriterju deċiżiv sabiex deċiżjoni intermedja tiġi kklassifikata bħala att li jista' jiġi kkontestat huwa l-fatt li r-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni finali ma jkunx ta' natura li jiżgura protezzjoni ġudizzjarja suffiċjenti. Issa, f'dan il-każ, l-eżerċizzju ta' rikors kontra d-deċiżjoni finalment adottata mill-Parlament kien ta' natura li jiżgura tali protezzjoni.

32 Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet finali adottati mill-Parlament ma humiex purament konfermattivi, peress li huma bbażati fuq analiżi tal-argumenti mqajma mill-appellanti fl-osservazzjonijiet tagħhom. L-assenza ta' indikazzjoni ta' terminu għar-risposta għall-osservazzjonijiet fin-noti kontenzjużi hija, f'dan il-kuntest, indifferenti.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

33 Bħalma rrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 49 tad-digriet appellat, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li jitqiesu li huma “atti li jistgħu jiġu kkontestati” fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, il-miżuri kollha adottati mill-istituzzjonijiet, tkun xi tkun il-forma tagħhom, li jkunu intiżi li jipproduċu xi effetti legali vinkolanti (sentenzi tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 31, u tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni, C-575/18 P, EU:C:2020:530, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

34 Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-att ikkontestat jipproduċix tali effetti, għandu jsir riferiment għas-sustanza ta' dan l-att u għandhom jiġu evalwati dawn l-effetti fid-dawl ta' kriterji oġġettivi, bħall-kontenut tal-imsemmi att, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-kuntest tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar kif ukoll is-setgħat tal-istituzzjoni li tkun l-awtriċi tiegħu (sentenzi tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 32, u tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni, C-575/18 P, EU:C:2020:530, punt 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

35 Għandu jittfakkar ukoll li, kif essenzjalment enfasizzat il-Qorti Ġenerali fil-punt 50 tad-digriet appellat, miżuri intermedjarji li l-għan tagħhom huwa li jippreparaw, fil-kuntest ta' proċedura li tinkludi diversi fażijiet, id-deċiżjoni finali ma jikkostitwixxux, bħala prinċipju, atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, L-Ungerija vs Il-Parlament, C-650/18, EU:C:2021:426, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Tali atti intermedjarji huma qabelxejn atti li jesprimu opinjoni provviżorja tal-istituzzjoni kkonċernata (sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, L-Ungerija vs Il-Parlament, C-650/18, EU:C:2021:426, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Issa, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 51 sa 55 tad-digriet appellat, li n-noti kontenzjużi ma kinux jiffissaw il-pożizzjoni definittiva tal-Parlament, peress li l-pożizzjoni adottata f'dawn in-noti setgħet tinbidel sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi inklużi fl-osservazzjonijiet tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

38 F'dan ir-rigward, l-argument imressaq mill-appellanti, li n-noti kontenzjużi ma kinux ta' natura provviżorja minħabba li l-Parlament finalment ikkunsidra li ma kellux kompetenza sabiex jieħu konjizzjoni tal-argumenti ppreżentati f'dawn l-osservazzjonijiet, ma jistax jintlaqa'.

39 Minn naħa, billi qies li ma kienx il-kompitu tiegħu li jiddeċiedi dwar il-legalità tad-Deċiżjoni Nru 14/2018, il-Parlament iddeċieda dwar ir-rilevanza tal-osservazzjonijiet ippreżentati mill-appellanti u għalhekk evalwa mill-ġdid id-deċiżjonijiet inizjali tiegħu fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet.

40 Min-naħa l-oħra, il-klassifikazzjoni bħala att preparatorju tan-noti kontenzjużi ma tistax, fi kwalunkwe każ, tiddependi mill-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet adottati sussegwentement mill-Parlament.

- 41 Madankollu, il-konstatazzjoni li att ta' istituzzjoni jikkostitwixxi miżura intermedjarja li ma tesprimix il-pożizzjoni finali ta' istituzzjoni ma tistax tkun suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit, b'mod sistematiku, li dan l-att ma jikkostitwixxix "att li jista' jiġi kkontestat" fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.
- 42 Għalhekk mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li att intermedjarju li jipproduċi effetti legali awtonomi jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament sa fejn ma tkunx tista' tiġi rrimedjata l-illegalità marbuta ma' dan l-att fl-okkażjoni ta' rikors dirett kontra d-deċiżjoni finali li tagħha jikkostitwixxi stadju ta' elaborazzjoni (sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, L-Ungerija vs Il-Parlament, C-650/18, EU:C:2021:426, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 43 Għaldaqstant, meta l-kontestazzjoni tal-legalità ta' att intermedjarju fil-kuntest ta' tali rikors ma hijiex ta' natura li tiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva lir-rikorrent kontra l-effetti ta' dan l-att, dan għandu jkun jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-400/99, EU:C:2001:528, punt 63; tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punt 56, kif ukoll tat-3 ta' Ġunju 2021, L-Ungerija vs Il-Parlament, C-650/18, EU:C:2021:426, punt 48).
- 44 F'dan il-każ, għandu jiġi enfasizzat li, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 51 tad-digriet appellat u kif isostnu l-appellanti fl-appell tagħhom, in-noti kontenzjużi kienu jwasslu għal tnaqqis immedjat tal-ammont tal-pensjonijiet tal-appellanti, mix-xahar ta' April 2019, peress li l-applikazzjoni ta' dan it-tnaqqis ma kinitx sospiża sakemm tintemm il-proċedura mmexxija mill-Parlament.
- 45 Minn dan isegwi li n-noti kontenzjużi kienu jipproduċu, bħala tali, effetti legali awtonomi fuq is-sitwazzjoni patrimonjali tal-appellanti.
- 46 Tali effetti ma jistgħux jiġu assimilati mal-effetti proċedurali tal-atti li jesprimu pożizzjoni provviżorja tal-Kummissjoni Ewropea jew mal-effetti ta' tali atti li ġew irrikonoxxuti bħala li ma jippreġudikawx l-interessi tal-persuni kkonċernati, li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala li ma jistgħux iwasslu għall-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra tali atti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, EU:C:1981:264, punti 17 u 18).
- 47 Il-fatt, irrilevat mill-Qorti Ġenerali fil-punt 56 tad-digriet appellat, li min-noti kontenzjużi jsegwi li l-Parlament kien ipproċeda għall-irkupru tas-somom irċevuti għax-xhur minn Jannar sa Marzu 2019 biss fl-assenza ta' osservazzjonijiet ippreżentati mill-appellanti f'terminu ta' 30 jum wara li rċewew dawn in-noti ma huwiex ta' natura li jikkontesta n-natura immedjata tal-effetti legali prodotti mill-imsemmija noti.
- 48 Barra minn hekk, minkejja li n-noti kontenzjużi kienu jipprevedu li l-Parlament kellu jadotta pożizzjoni finali wara li jirċievi l-osservazzjonijiet magħmula mill-appellanti, huwa paċifiku li l-adozzjoni ta' tali pożizzjoni ma kienet akkumpanjata minn ebda terminu.
- 49 L-effetti legali awtonomi tan-noti kontenzjużi setgħu, konsegwentement, ikomplu jeżistu għal perijodu potenzjalment twil li t-terminu tiegħu ma huwiex iddefinit *a priori*.



- 50 Barra minn hekk, mid-digriet appellat u mill-informazzjoni pprovduta mill-Parlament jsegwi li, għal wieħed mill-appellanti, it-teħid ta' pożizzjoni definittiva ta' din l-istituzzjoni seħħ biss tmien xhur wara li rċieva n-nota li tikkonċernah.
- 51 F'dawn il-kundizzjonijiet, peress li t-tnaqqis durabbli tal-ammont ta' pensjoni huwa ta' natura li jkollu konsegwenzi potenzjalment irriversibbli fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata, l-appellanti kellu jkollhom il-possibbiltà li jeżerċitaw rikors effettiv kontra n-noti kontenzjużi u għalhekk jagħmlu ostakolu għat-tnaqqis tal-pensjoni tagħhom (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 1992, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-47/91, EU:C:1992:284, punt 28, u tad-9 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-400/99, EU:C:2001:528, punt 63).
- 52 Minn dan isegwi li l-eżerċizzju ta' rikors għal annullament kontra d-deċiżjonijiet finali li l-Parlament kellu jadotta wara li jirċievi l-osservazzjonijiet tal-appellanti ma kienx ta' natura li jiżguralhom protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
- 53 Il-possibbiltà li għandhom il-persuni kkonċernati, fl-assenza ta' tweġiba tal-Parlament għall-osservazzjonijiet li huma ppreżentaw, li jippreżentaw rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni kontrih lanqas ma hija ta' natura li tiżguralhom protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
- 54 Ċertament, il-Parlament għandu jwieġeb għal tali osservazzjonijiet f'terminu raġjonevoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et vs* BEL, C-334/12 RX-II, EU:C:2013:134, punt 28) u l-persuni kkonċernati għandhom, konsegwentement, id-dritt li jippreżentaw rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni jekk din l-istituzzjoni ma tikkonformax ma' dan l-obbligu.
- 55 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-possibbiltà li jiġi ppreżentat tali rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni setgħet tkun biżżejjed sabiex teskludi l-kontinwazzjoni ta' stat ta' nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni wara l-adozzjoni ta' miżura intermedjarja adottata minn din l-istituzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 1997, Guérin automobiles vs Il-Kummissjoni, C-282/95 P, EU:C:1997:159, punt 38).
- 56 Madankollu, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux ikunu determinanti f'dan il-każ peress li, minn naħa, rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni ppreżentat kontra l-Parlament ma huwiex ta' natura li jikkontesta l-effetti legali awtonomi tan-noti kontenzjużi u, min-naħa l-oħra, it-termini neċessarji sabiex ikun jista' jiġi eżaminat tali rikors u sussegwentement, jekk ikun il-każ, ta' rikors għal annullament ikunu eċċessivi f'kuntest fejn dawn in-noti jwasslu immedjatament għal tnaqqis tal-ammont tal-pensjonijiet imħallsa lil persuni fiżiċi.
- 57 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 57 tad-digriet appellat, li n-natura provviżorja tan-noti kontenzjużi kienet tippermetti li jiġi kkunsidrat li dawn ma kinux jikkostitwixxu atti li jikkawżaw preġudizzju u, għaldaqstant, li ma setgħux ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament abbażi tal-Artikolu 263 TFUE.
- 58 Konsegwentement, hemm lok li l-ewwel aggravju jintlaqa' u li jiġi annullat id-digriet appellat sa fejn dan ċaħad il-kap tat-talbiet tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tan-noti kontenzjużi.

- 59 Minn dan isegwi wkoll li d-digriet appellat għandu jiġi annullat sa fejn dan ċaħad il-kap tat-talbiet tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tad-deċiżjonijiet espressi fl-ittri msemmija fil-punt 8 ta' din is-sentenza, peress li ċ-ċaħda ta' dan il-kap tat-talbiet hija esklużivament ibbażata fuq l-inammissibbiltà tal-kap tat-talbiet tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tan-noti kontenzjużi.
- 60 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex neċessarju li jiġu eżaminati t-tieni u t-tielet aggravju, sa fejn dawn ma humiex, fi kwalunkwe każ, ta' natura li jinvolvu annullament iktar estiż tad-digriet appellat.

### **Fuq ir-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali**

- 61 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, hija tista' jew tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tagħti deċiżjoni.
- 62 Fl-ewwel lok, peress li l-Parlament sostna biss, permezz tal-eċċezzjonijiet tiegħu ta' inammissibbiltà mqajma quddiem il-Qorti Ġenerali, li r-rikorsi għal annullament ippreżentati mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali kienu inammissibbli minħabba li n-noti kontenzjużi kienu jikkostitwixxu atti preparatorji, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 41 sa 57 ta' din is-sentenza, dawn l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà għandhom jiġu miċħuda.
- 63 Fit-tieni lok, peress li l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali rrigwardaw esklużivament l-ammissibbiltà tar-rikorsi u peress li din ċaħdet dawn ir-rikorsi bħala manifestament inammissibbli mingħajr ma fetthet il-proċedura orali, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex l-elementi neċessarji sabiex tiddeċiedi definittivament fuq l-imsemmija rikorsi.
- 64 Konsegwentement, hemm lok li l-kawża jiġu rrinvijati quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali intiżi għall-annullament tan-noti kontenzjużi u tad-deċiżjonijiet espressi fl-ittri msemmija fil-punt 8 ta' din is-sentenza.

### **Fuq l-ispejjeż**

- 65 Peress li l-kawża ġew irrinvijati quddiem il-Qorti Ġenerali, l-ispejjeż għandhom jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Lulju 2020, Tognoli et vs Il-Parlament (T-395/19, T-396/19, T-405/19, T-408/19, T-419/19, T-423/19, T-424/19, T-428/19, T-433/19, T-437/19, T-443/19, T-445/19, T-458/19 sa T-462/19, T-464/19, T-469/19 u T-477/19, mhux ippubblikat, EU:T:2020:302), huwa annullat sa fejn huwa ċaħad it-talbiet ippreżentati minn Carlo Tognoli et intiżi għall-annullament tan-noti tal-11 ta' April 2019 stabbiliti mill-Kap tad-Diviżjoni "Remunerazzjoni u drittijiet soċjali tad-deputati" tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament Ewropew u li jikkonċernaw l-aġġustament tal-ammont tal-pensjonijiet li huma jibbenefikaw minnhom wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2019, tad-Deċiżjoni Nru 14/2018 tal-Ufficio di Presidenza della Camera dei deputati (l-Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kamra tad-Deputati, l-Italja) u tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew espressi fl-ittri tal-20 ta' Ġunju**

**(Kawża T-396/19), tat-8 ta' Lulju (Kawżi T-405/19, T-408/19, T-443/19 u T-464/19), tal-15 ta' Lulju (Kawżi T-419/19, T-433/19, T-455/19, T-458/19 sa T-462/19, T-469/19 u T-477/19) u tat-23 ta' Lulju 2019 (Kawżi T-395/19, T-423/19, T-424/19 u T-428/19).**

- 2) L-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-Parlament Ewropew quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea huma miċħuda.**
- 3) Il-kawżi huma rrinvijati lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex hija tiddeċiedi fuq it-talbiet ippreżentati minn Carlo Tognoli *et* intiżi għall-annullament ta' dawn in-noti u ta' dawn id-deċiżjonijiet.**
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.**

Firem